MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 409/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lil C B fid-disgha ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (09/12/1973) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bic-certifikat li jgib in-numru tnejn u sebghin tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (72/1974);

Illi l-esponenti issepara legalment minn ma martu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat tletin t’Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (30/10/2001) hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok A’;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal li illum huma maggorenni;

Illi peress li m’hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet tant li gja hemm separazzjoni legali bejn il-partijiet liema separazzjoni legali iggib id-data tletin t’Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (31/10/2001) u cioe’ ghal erba’ snin kif rikjest mill-ligi minghajr qatt ma saret l-ebda rikonciljazzjoni;

Illi dwar il-manteniment ma hemm xejn dovut stante li l-komparenti ddekadew reciprokament milli jaghtu mantenimnent lil xulxin u dan skont Artikolu 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni u peress li l-minuri illum huma maggorenni u ghalhekk l-ebda manteniment ma hu dovut;

Ilil dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab in vista tas-suespost ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti u l-atti kollha;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Dicembru, 2011;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 30 ta’ Ottubru 2001. Il-Qorti rat ukoll illi irrizulta illi il-partijiet xehdu illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom kif ukoll illi l-ebda manteniment ma huwa dovut peress illi il-partijiet kienu iddekadew reciprokament milli jitolbu manteniment minghand xulxin u peress ukoll illi illum il-gurnata uliedhom huma maggorenni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------